**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 4 – IL-ĦAMIS, 13 TA' NOVEMBRU 2014

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson (waslet fis-6:45pm)* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti: | Joe Micallef | Membru |

### 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li s-Sinj. Vella kienet infurmata li se tasal tard.

### 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa 3 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

3.1. Iċ-*Chairperson* semmiet il-laqgħa li saret nhar it-12 ta' Novembru 2014 mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo. Kienu diskussi il-Kumitati Amministrattivi u s-sitwazzjoni ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Huwa sostna li l-akbar problema li hemm huma l-finanzi. Min-naħa l-oħra wera biċ-ċar li hu favur il-Kumitati Amministrattivi u talab li jkun infurmat meta jkun hemm xi problemi biex fejn ikun possibli jagħti l-għajnuna tiegħu.

3.2. F'dan il-ħin waslet is-Sinj. Vella. Il-ħin kien is-6.45pm.

3.3. Iċ-*Chairperson* qalet li fi Triq ix-Xbiek, ghaddej xi xogħol li qiegħed joħloq diffikultà lil tal-madwar, b'mod partikolari lir-residenti tat-triq. Ta' min isemmi n-numru ta' parkeġġi li qegħdin jinżammu okkupati mingħajr permess; it-tajn li qiegħed jitħalla fit-triq; kif ukoll f'xi waqtiet, trakkijiet ipparkjati tul it-triq.

3.4. Ġie mgħarraf li wieħed mill-kuntratturi involuti huma l-V&C Contractors. F'dan id-dawl ġie mitlub sabiex il-Kunsill jitkellem mal-*project manager* sabiex meta jkollhom bżonn jokkupaw xi parkeġġi, jieħdu ħsieb jagħmlu l-permess filwaqt li jassiguraw li jnaddfu t-triq kull darba li jkun meħtieġ.

3.5. Is-Sinj. Cuomo semmiet li s-Sotto Kumitat tal-attivitajiet iltaqa' ma' Fr Paul Attard fejn ġiet diskussa l-attività tal-Milied li se ssir din is-sena.

3.6. Fl-ewwel sessjoni tal-*Crib Making*, kien hemm tifel wieħed, filwaqt li ghat-tieni sessjoni kien hemm preżenti tifla.

## 4. ATTIVITÀ GĦALL-MILIED

4.1. Is-Sinj. Abela infurmat li ltaqaw mal-grupp Belong fejn ġie miftiehem li tal-aħħar se jagħmlu l-*puppet show*.

4.2. L-attività se ssir nhar il-15 ta' Diċembru 2014 mill-5.30pm 'il quddiem.

4.3. Fil-5.30pm se jkun hemm it-*train rides*; fis-7.00pm il-*puppet show* u fis-7.30pm/7.45pm se jkun hemm l-għoti tar-rigali minn Santa Klaws.

4.4. Is-Sinj. Abela ssuġġeriet sabiex tintrama stand b'affarijiet tal-Milied. Issemmew fost l-oħrajn il-*mince pies*, hot chocolate, *mulled wine*, eċċ.

4.5. F'dan ir-rigward is-Sinj. Cuomo qalet li sabiex tintrema din l-istand, hemm bżonn li jinstab sponsor. Kien għalhekk li s-Sinj. Vella se tipprova ġġib sponsor għax-xiri tal-ħalib, cups u l-kuċċarini. Il-hot chocolate se jkun f'idejn l-Kumitat.

4.6. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jgħaddi avviż lil Fr Paul bid-dettalji tal-attività.

4.7. Is-Sinj. Cuomo pproponiet sabiex ikun ikkuntattjat it-tifel tas-Sur Joe Micallef, sabiex naraw hux interessat li jkanta bejn 2 u 3 kanzunetti tal-Milied waqt l-attività. Il-ħin propost hu fis-6.30pm.

## 5. MANUTENZJONI TAL-ĠNIEN

5.1. Iċ-*Chairperson* infurmat lill-kumlpament tal-Kumitat li minkejja d-diversi komunikazzjoni li kellha mal-Perit Claire Vassallo, il-ġnien baqa' mitfi. F'dan id-dawl is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex niktbu lill-Ministru Joe Mizzi f'dan ir-rigward.

5.2. Is-Sinj. Muscat sostniet li hi se tikteb lill-Ministru wkoll.

### A. KWOTAZZJONI GĦAL TURF ARTIFIĊJALI

5.3. B'mod unanimu l-Kumitat iddeċieda li jagħzel it-tieni l-irħas kwotazzjoni. Ir-raġuni hi li d-dehra tal-materjal tal-irħas wieħed ma ntlaqax tajjeb, minħabba li l-membri jibżgħu li kemm il-darba jaqa' xiħadd hemm ċans akbar li jingiref.

## 6. RAPPORT FINANZJARJU

6.1. Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju lill-membri tal-Kumitat.

6.2. Is-Sinj. Vella qalet li ma' dan, il-Kunsill irid iżid l-ispiża ta' 2 klassijiet ta' attività fiżika, kif ukoll l-użu tas-sala.

6.3. Is-Sinj. Vella żiedet tgħid li għall-klassi Aerobics hemm 11-il parteċipant filwaqt li għal klassi Zumba hemm 8.

6.4. Is-Sinj. Cuomo qalet li bħalissa fit-toroq ta' Baħar iċ-Ċagħaq għaddej ħafna xogħol, għalhekk tal-idea li għalissa l-Kunsill ma jmexxix fuq it-tabelli tal-ismijiet tat-toroq.

## 7. IŻ-ŻONA TAL-CAMP SITE TAL-ISCOUTS

7.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet email li rċiviet mingħand is-Sur Mario Hili dwar l-użu ħazin tal-art mikrija lill-iScouts ta' B'Kara f'Baħar iċ-Ċagħaq. L-email issemmi li daqs

ġimagħtejn ilu, kien hemm xi kampijiet, mhux tal-iscouts, li ħolqu inkonvenjenza lir-residenti tal-madwar.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1. Is-Sinj. Vella qalet li l-klassi Aerobics bdiet nhar id-29 ta' Settembru 2014 filwaqt li l-klassi Zumba bdiet nhar it-22 ta' Ottubru 2014.

8.2. Is-Sinj. Muscat semmiet il-ħarġa kulturali li kellhom f'Ottubru 2014, liema ħarġa kienet suċċess. B'kollox kienu 30 persuna.

8.3. Is-Sinj. Muscat qalet li se tiġi organizzata ħarġa kulturali oħra f'Novembru 2014. Se ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru u d-destinazzjoni se tkun il-Belt Valletta. Se jmorru jaraw il-Malta 5d Show. Din se tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Pastorali tal-Knisja Santa Marija tal-Anġli, Baħar iċ-Ċagħaq.

8.4. Is-Sinj. Abela ssuġġeriet sabiex fi Triq Santa Klara kantuniera ma' Triq id-Dwieli jsiru t-tabelli kif ukoll l-immarkar ta' STOP. Dan sabiex jonqos iċ-ċans ta' ħbit bejn il-karozzi li jkunu ħerġin minn Triq Santa Klara ma' dawk li jkunu deħlin minn Triq id-Dwieli.

8.5. Is-Sinj. Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq il-bankina ta' Triq Anton Manwel Caruana, viċin l-iStar Estate, hemm toqba mgħottija b'ġebla. Talbet sabiex naraw eżatt ta' min hi sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa.

8.6. Is-Sinj. Muscat semmiet is-siġra tal-palma li hemm fi Triq Xatt il-Palm, quddiem Marleys. Hi talbet sabiex ngħidu lill-kuntrattur jittawlilha. Dan għaliex fil-fehma tagħha għandha bżonn tissaqqa, jekk mhux ukoll żabra.

## 9. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

9.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar Il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru, 2014 għal-5:30pm.

9.2. Il-laqgħa ntemmet fit-8:15pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |